**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1281/01**
**Fl-ismijiet:-**
**Joan Galea, Francis Brincat, Sandro Mallia, Joe Farrugia u Alfred Grech**

**Versus**

**Menrad Limited u b'degriet tas-7 ta' Mejju, 2001 giet kjamata f'dawn il-proceduri il-Union Haddiema Maghqudin.**

**Illum 20 ta' Gunju, 2001.**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors;**

**Rat id-deagrieti taghha precedenti;**

**Rat ir-risposta tal-intimati;**

**Rat ir-risposta tal-Union kjamata f'dawn il-proceduri kif verbalizzata fil-kors tas-seduta tat-l8 ta' Mejju, 2001;**

**Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esebiti;**

**Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;**

**Hawnhekk si tratta ta' xi haddiema impjegati mas-socjeta intimata li qed jittantaw izommu lill-istess socjeta intimata milli tiffirma u tikkonkludi Ftehim Kollettiv li gienegozjat mal-Union Haddiema Maghqudin. Ir-rikorrenti huma membri ta' Union**

**ohra, cioe l-General Workers Union, u qed isostnu li l-UHM ma tirrapprezentax nofs in-numru tal-haddiema. Huma jsostnu li jekk jigi ffirmat dan il-ftehim dan ser ikun jorbot lilhom wkoll u dan jista jkun ta' pregudizzju ghalihom;**

**Ghandu jinghad fl-ewwel lok li ma jirrizultax, lanqas "prim facie", li l-UHM ma tirrapprezentax in-nofs tal-haddiema kollha. Id-dokument li gieesebit a fol. 30 tal-proces ma jeskludix li jista jkun hemm haddiema li qed ihallsu direttament il-mizati dovuti lill-Union koncernata. Lanqas ma jirrizulta li l-General Workers Union ghamlet xi att sabiex jigi stabbilit formalment liema Union tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema.**

**Inoltre ma jirrizultax li ir-rikorrenti ser ibghatu xi preagudizzju irriperabbli jekk ma jigiex akkolt dan il-mandat.**

**Ghalhekk tipprovdi b'mod definittiv billi fl-ewwel lok tirrevoka "contrario imperio" id-degriet taghha tat-2 ta' Mejju, 2001 u billi fit-tieni lok tichad it-talba.**